

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2006/2078(INI)

26.6.2006

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin - approċċ integrat u proposti għal
pjan ta' azzjoni
2006/2078(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Jean Lambert

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jitlob lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni tiegħu għal riżoluzzjoni:

1. Jilqa' l-approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem ta' l-approċċ integrat u tal-pjan ta' azzjoni u jirrikonoxxi li dan jeħtieġ enfasi fuq ix-xogħol jew servizzi sfurzati, l-iskjavitù u l-effetti tat-traffikar li huma simili għall-iskjavitù, li fuqhom hemm il-bżonn li tittieħed azzjoni b'kull mezz li tippermetti l-liġi sabiex jiġi miġġieled dan ir-reat serju; dan l-approċċ jeħtieġ li jkun żgurat li l-persuni traffikati jkunu ttrattati bħala vittmi u li jingħataw l-informazzjoni meħtieġa, il-pariri, l-appoġġ soċjali, il-possibiltà ta' għajnuna legali, u appoġġ għar-reintegrazzjoni edukattiva u għall-impieg; jenfasizza wkoll l-importanza li approċċ għal dawn il-problemi imsemmija jkun iffukat fuq iż-żgħażaġh u fuq it-tfal;
2. Jikkunsidra li huwa meħtieġ approċċ non-diskriminatorju lejn it-traffikar flimkien ma' approċċ ta' drittijiet tal-bniedem u b'hekk jikkunsidra li riferenzi għall-ugwaljanza u għan non-diskriminazzjoni fil-ħames parti tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni huma kritiċi;
3. Jagħraf li n-nuqqas ta' prospetti ekonomiċi u soċjali sostenibbli, il-livelli għoljin ta' qağħad u l-biża' tal-faqar li qiegħed dejjem jinfirex aktar f'ċertu pajjiżi ta' l-oriġini, il-livell ta' żvilupp ekonomiku u soċjali eżistenti fl-Ewropa, jikkontribwixxu għal klima li tagħmilha aktar faċli li organizzazzjonijiet kriminali jigwadanjaw mit-traffikar;
4. Jinnota li din is-sitwazzjoni hija wkoll inkoraġġgata mill-oqsma ta' ambigwià fis-swieq tax-xogħol ta' l-Istati Membri, li jgħinu biex titrawwem klima ta' tolleranza għall-abbużi ta' kuljum, biex b'hekk joħolqu art għammiela għal kull tip ta' sfruttar; iqis għalhekk li applikazzjoni effettiva u sistematika tal-liġijiet tax-xogħol eżistenti f'kull Stat Membru jistgħu jservu ta' deterrent għall-organizzazzjonijiet kriminali li jkunu involuti fit-traffikar tal-bnedmin.
5. Jikkunsidra li d-domanda fl-UE għal ħaddiema b'paga baxxa, li m'humiex dokumentati u li jkunu doċli tagħti kontribut għall-attività illegali tat-traffikar tal-bnedmin; jemmen li l-eżistenza ta' dan it-tip ta' ħaddiema jista' jbaxxi l-ispejjeż, iżda bi spiża tad-dinjità tal-bniedem u li jiddajfu l-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-miżuri tas-saħħa u tas-sikurtà, il-ħlas ġust u/jew id-dħul ta' l-istat minn nuqqas ta' ħlas ta' taxxi u ta' kontribuzzjonijiet soċjali;
6. Jikkunsidra li l-Istati Membri li għadhom ma għamlux dan għandhom jiffirmaw u jikkonformaw mal-Konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti, inklużi il-Protokoll dwar it-Traffikar tan-NU, il-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin, il-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali, il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, il-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Migranti kollha u tal-Familji tagħhom, il-Konvenzjonijiet ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol u l-istandards fundamentali tax-xogħol, b'mod partikolari Nru 29 dwar ix-xogħol sfurzat, Nru 182 dwar il-projbizzjoni u l-azzjoni immedjata għall-eliminazzjoni ta' l-aġar forum

ta' tħaddim tal-minuri, u dawk li għandhom x'jaqsmu mal-libertà ta' l-assoċjazzjoni, l-ispezzjoni fuq ix-xogħol u l-aġenziji għall-impieg;

7. Jinkuraġġixxi lill-Istati Membri biex malajr kemm jista' jkun idaħħlu fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom id-Direttiva tal-Kunsill 2004/81/KE tad-29 ta' April 2004 dwar il-permess ta' residenza maħruġ liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma vittmi ta' traffikar tal-bnedmin jew li kienu suġġetti ta' azzjoni li tiffaċilita l-immigrazzjoni illegali li jikkoperaw ma' l-awtoritajiet kompetenti¹;
8. Jikkunsidra li l-prattika tajba tal-kumpaniji, li tinkludi l-ħtieġa li kuntratturi sekondarji jwettqu l-obbligi kuntrattwali u legali tagħhom (il-konformità mal-katina ta' forniment), għandha rwol importanti fit-tnaqqis tad-domanda u r-rwol tal-kumpaniji, kif ukoll ta' aġenti soċjali oħra, huwa vitali biex tiġi assikurata l-applikazzjoni tal-liġijiet tax-xogħol u soċjali eżistenti kollha b'mod partikolari li jkun ċert li l-ħaddiema jirċievu l-benefiċċji li huma legalment intitolati għalihom; jilqa' d-Dikjarazzjoni ta' Atena, li tftitex li tiżgura li l-kumpaniji ma jittollerawx ix-xogħol sfurzati;
9. Huwa tal-fehma li penali estremament ħorox għandhom ikunu imposti fuq kumpaniji li jinstab li kienu qed jimpjegaw ħaddiema b'paga baxxa mit-traffikar tal-bnedmin, b'mod partikolari fejn il-kumpaniji kkonċernati kienu qed jaġixxu b'mod frawdolenti;
10. Jistieden lill-UE biex tuża riżorsi eżistenti u futuri sabiex tindirizza l-kwistjonijiet multipli li hemm dwar it-traffikar; jikkunsidra, f'dar ir-rigward, li l-Istitut futur ta' UE għall-ugwaljanza bejn is-sessi għandu bħala prijorità jindirizza l-kwistjoni tat-traffikar, minħabba n-numru għoli ta' nisa li huma vittmi tat-traffikar li spiss iwassal għall-isfruttament sesswali;
11. Jemmen li dawk li jħaddmu, it-trejdunjins, l-awtoritajiet lokali, iċ-ċittadini individwali u l-NGOs għandhom rwol importanti fl-iżvelar u fl-appoġġ għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin u li l-aħjar Prattika għandha tiġi mxerrda minn netwerk xieraq billi jintużaw l-usa meżżi possibbli; jikkunsidra wkoll li għandu jsir immonitorjar ta' setturi tax-xogħol li huma suxxettibli għall-isfruttar minn aġenziji risponsabbli għall-impjeg b'koperazzjoni ma' aġenziji oħra u aġenti soċjali;
12. Jagħraf il-bżonn ta' miżuri ta' prevenzjoni fil-pajjiżi ta' l-oriġini tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, inkluża il-koperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizjarja; jagħraf li l-appoġġ qawwi ta' l-NGOs li qed jaħdmu biex jappoġġjaw il-vittmi huwa importanti f'dan ir-rigward; jikkunsidra li l-ambaxxati ta' l-Istati Membri u tal-pajjiżi terzi kkonċernati għandhom ikunu involuti fil-ġlieda kontra t-traffikar u jstieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex iniedu kampanja ta' prevenzjoni mmirata lejn il-vittmi potenzjali tat-traffikar, filwaqt li jinfurmawhom dwar ir-riskji u l-perikli potenzjali u billi jipprovduhom b'informazzjoni dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom u minn fejn jistgħu jiksbu l-għajnuna fil-pajjiżi tad-destinazzjoni tagħhom;
13. Jemmen li l-appoġġ għall-vittmi tat-traffikar għandu jkun imfassal għall-ħtiġiet partikolari tagħhom peress li l-vittmi tat-traffikar ma jiffurmawx grupp omoġenju

¹ ĠU L 261, 6.8.2004, p. 19.

waħdieni; jirrimarka, f'dan ir-rigward, li l-ugwaljanza bejn is-sessi, u d-drittijiet tat-tfal, tal-popli indiġeni u tal-gruppi ta' minoranza huma partikolarment rilevanti peress li ħafna vittmi jew vittmi potenzjali tat-traffikar tal-bnedmin huma n-nisa, it-tfal u individwi li jagħmlu parti minn gruppi etniċi u ta' minoranza li jistgħu jkunu suġġetti għal diskriminazzjoni fil-pajjiż ta' l-oriġini tagħhom;

14. Jikkunsidra li l-mekkaniżmi għall-ispezzjoni u għall-infurzar konnessi mal-liġi tax-xogħol għandhom jiġu msaħħa fl-Istati Membri kollha; jikkunsidra wkoll li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li għandhom il-qafas legali neċessarju stabbilit u li l-mekkaniżmi, it-taħriġ u r-riżorsi tekniċi adegwati rilevanti qegħdin hemm sabiex iwettqu l-obbligi legali tagħhom, filwaqt li jagħtu r-risponsabilità lill-uffiċċjali minn entitajiet ta' spezzjoni u jipprovduhom b'informazzjoni u taħriġ ta' għarfien sabiex jgħinuhom jagħrfu dawk il-vittmi tat-traffikar li x-xogħol tagħhom qed jiġi sfruttat; jikkunsidra li netwerk ta' ispettorati li għandhom x'jaqsmu ma' l-impjeg ikunu jistgħu jservu skop utli fl-iskambju ta' l-aħjar prattika;
15. Jirrikonoxxi li l-isfruttament ta' dan it-tip ta' ħaddiema jista' ma jkunx evidenti mill-ewwel iżda jieħu xejriet bħat-tnaqqis tal-paġa minħabba tnaqqis illeġittimu, jew flus li jidhru mnaqqsin għal skopijiet ta' taxxi imma li fil-fatt ikunu qed jiġu meħuda mill-aġent jew minn min qed iħaddem; jirrimarka li hemm bżonn li l-awtoritajiet rilevanti jkunu viġili għal dan it-tip ta' possibiltajiet u li għandu jitwaqqaf appoġġ xieraq bħal ma huma servizzi ta' għajnuna bit-telefown;
16. Jemmen li għandu jkun hemm ħsieb ikkordinat fuq livell ta' l-UE dwar it-traffikar; josserva li l-politika ta' l-iżvilupp ta' l-UE tiffoka fuq l-għan primarju tat-tnaqqis tal-faqar u l-kisba ta' l-għanijiet ta' l-iżvilupp tal-millennju (MDGs), li jindirizzaw il-fatturi fundamentali li jagħmlu lin-nies inqas vulnerabbli għat-traffikar, pereżempju il-faqar, in-nuqqas ta' aċċess għall-edukazzjoni bażika u għall-edukazzjoni għolja, in-nuqqas ta' ugwaljanza bejn is-sessi, iċ-ċaħda mid-dritt ta' ċittadinanza, id-diskriminazzjoni u n-nuqqas ta' aċċess għas-servizzi u ta' opportunità ndaq;
17. Jagħraf il-bżonn għal azzjoni u koordinazzjoni mill-entitajiet internazzjonali sabiex jiġbru u janalizzaw id-dejta rilevanti dwar traffikar, inkluż dejta dwar ix-xogħol f'kull Stat Membru sabiex ikunu jistgħu jsiru interventi settorjali aktar effettivi; jistieden ukoll lill-Kummissjoni sabiex tiċċentralizza din id-dejta u żżomm il-Parlament u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali infurmati fuq bażi regolari.

PROCĊEDURA

Titolu	Il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin - approċċ integrat u proposti għal pjan ta' azzjoni	
Proċedura numru	2006/2078(INI)	
Kumitat responsabbli	LIBE	
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	EMPL 18.5.2006	
Koperazzjoni aktar mill-qrib - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja		
Rapporteur Data tal-ħatra	Jean Lambert 1.2.2006	
Rapporteur preċedenti		
Eżami fil-kumitat	21.3.2006	21.6.2006
Data ta' l-adozzjoni	22.6.2006	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 42 -: 0 0: 2	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Jan Andersson, Jean-Luc Bennahmias, Emine Bozkurt, Iles Braghetto, Alejandro Cercas, Ole Christensen, Derek Roland Clark, Luigi Cocilovo, Jean Louis Cottigny, Proinsias De Rossa, Harlem Désir, Harald Ettl, Carlo Fatuzzo, Ilda Figueiredo, Roger Helmer, Stephen Hughes, Ona Juknevičienė, Jan Jerzy Kułakowski, Sepp Kusstatscher, Jean Lambert, Raymond Langendries, Bernard Lehideux, Elizabeth Lynne, Thomas Mann, Jan Tadeusz Masiel, Ana Mato Adrover, Maria Matsouka, Ria Oomen-Ruijten, Csaba Óry, Marie Panayotopoulos-Cassiotou, Pier Antonio Panzeri, José Albino Silva Peneda, Kathy Sinnott, Anne Van Lancker, Gabriele Zimmer	
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Edit Bauer, Mihael Brejc, Françoise Castex, Dieter-Lebrecht Koch, Magda Kósáné Kovács, Marianne Mikko, Leopold Józef Rutowicz, Patrizia Toia	
Sostitut(i) skond l-Artikolu 178(2) preżenti għall-votazzjoni finali	Małgorzata Handzlik	
Kummenti (informazzjoni disponibbli b'lingwa waħda biss)		